MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 49/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. N. Ciappara)**
**Vs**
**Mario Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fid-9 t'April 2005, gewwa Haz Zabbar, ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija, volontarjament hassar, ghamel jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fil-vettura tal-Pulizija bin-numru GVP 155 u GVP 229, liema hsara teccedi l-hames mitt Lira Maltin (Lm500), u dan ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment tas-socjeta' Mexico Garage Co Ltd, ta' Zimelli Street, Marsa, billi kkaguna hsara

volontarja fuq vettura Peugeot 106, bin-numru tar-registrazzjoni CAK 443, liema hsara teccedi l-hames mitt Lira Maltin (Lm500).

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment tas-socjeta’ John’s Garage Ltd, ta’ Villambrosa Street, Hamrun, liema hsara teccedi l-hames mitt Lira Maltin (Lm500), fuq vettura tal-marka Peugeot partner, bin-numru tar-registrazzjoni STV 003.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma jitqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta’ PS 1086 J.Micallef, PC 559 C.Mangion, WPC 86 D.Bonnici, PC 1183 O.Borg, PC 573 P. Camilleri, PC 232 M.Zammit, PC 553 R.Pace, u WPS 45 M.Bartolo, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita’ kompetenti, bi ksur ta’ l-Artikolu 96 u 97(a) tal-Kodici Kriminali.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura BAP 814 tal-marka Tavria, bi speed eccessiv, manjiera perikoluza, negligenti u traskurata u bla kont, u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 15(1)(a)(2) u 18(2) tal-Kap 65.

Fl-istess data, hin u cirkostanzi, saq l-istess vettura b’giri aktar milli messu, bi ksur ta’ MVR 127.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Frar, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 325(a), 96, 17(b)(c), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu b’assorbiment ghal fini ta’ piena ghar-rigward tas-sitt akkuza w tas-seba’ akkuza, w ikkundannatu ghal tmintax-il xahar (18) prigunerija, li minnha jitnaqqas iz-zmien li fih l-appellant ghamel f’arrest preventiv. In oltre ordnat lill-appellant ikun skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta’ Frar, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull htija w piena w fin-nuqqas li taghti piena li tkun aktar taghmel ghac-cirkostanzi ta’ dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':- 1. Li s-sentenza appellata ma tistax treggi ghaliex fil-waqt li l-appellant gie misjub hati ta' reati li skond ix-xhieda graw fid-9 t' April, 2002, fis-sentenza appellata l-jum li fih graw gie indikat bhala l-9 t' April, 2005, cioe' tltt snin ilu. 2 Fl- ewwel lok l-incident kien gie provokat mill-Pulizija stess. Li kieku riedu jarrestaw lill-appellant, il-Pulizija kellhom kull opportunita' li jaghmlu dan appena hu hareg mill-garage ta' Brian. Minnflok ghazlu li jibdew insegwiment bil-karozzi taghhom. F' dawn ic-cirkostanzi r-reazzjoni tal-appellant grat kollha kemm hi tort tal-gudizzju hazin li ghamlet il-Pulizija li f' dan il-kaz agixxiet bhala *agent provocateur*, ghax kien ser jigi arrestat ghal xejn. 3. Illi b' mod sussidjarju, l-piena inflitta fic-cirkostanzi hi wahda ferm severa, meta wiehed iqis li l-fatti graw kwazi sitt snin ilu w li l-Ewwel Qorti damet sentejn u nofs biex tat is-sentenza minn meta hu ta l-kunsens tieghu biex jigi gudikat minn dik il-Qorti. Fil-frattemp hu fieq mill-vizzju tad-droga w ghandu tifla ta' hames snin, li qed irabbi flimkien ma ommu billi l-omm naturali abbandunatha. Din it-tifla tinsab taht *care order* u bis-sentenza inflitta iz-zmien meta l-appellant ser ikun jista' jiehu hsieb bintu minorenni ser jitwal.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-ewwel aggravju, huwa minnu li fil-parti introduttorja taghha, fejn kienet qed tirriproduci l-ewwel akkuza dedotta kontra l-appellant, is-sentenza appellata indikat li l-fatt gara fid-9 t' April, **2005**, minnflok id-data korretta li kienet 2002, li tidher kemm fl-akkuza originali (fol. 1) kif ukoll fil-konferma tar-rapport bil-gurament mill-ispettur prosekutur (fol. 4). L-akkuzi l-ohra kollha umbaghad gew riprodotti konformement mall-akkuza originali pero' bl-uzu tal-kliem *"U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirostanzi…."*

Mill-banda l-ohra meta kienet qed tirrijepiloga x-xiehda tal-Ispettur Norbert Ciappara, l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghad-data korretta w cioe' *"9 t' April, 2002"* (fol. 160), bhala d-data li fiha allegatament sehhew ir-reati dedotti.

Ma hemmx dubju li l-fatti allegati graw fid-9 t' April, 2002. Izda fil-waqt li l-appellant jissottometti li dan l-izball ghandu jwassal ghar-revoka tas-sentenza appellata, l-Prosekuzzjoni tissottometti li dan hu semplicement ***lapsus*** tat-*typing* u xejn aktar u ladarba l-akkuzi originali hargu bid-data korretta w l-appellant instab hati ta' dawk l-akkuzi, ma hemm xejn irregolari fl-izball li ttiehed fil-parti introduttorja tas-sentenza.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Nicola Farrugia, John Bugeja w Loreto Bonello"** [2.10.2002] meta fit-traskrizzjoni tas-sentenza tal-Ewwel Qorti tinkiteb xi haga *"ovvjament u manifestament bi zball"* - u f' dak il-kaz si trattava ta referenza ghall-appellant John Bugeja bhala "Joseph Bugeja" f' diversi partijiet tas-sentenza li pero' immedjetament wara rreferiet ghall-appellant Bugeja b'ismu korrett - din il-Qorti ma ghandix dubju li, bhal f' dak il-kaz, dan hu kaz ta' "*lapsus calami*" jew ahjar ta' *"lapsus computetri",* li ghalkemm sfortunat u ghandu jigi evitat bi skrutinju akkurat tal-Magistrat qabel ma jiffirma t-traskrizzjoni tas-sentenza tieghu, ma ghandux pero' jwassal ghall-konkluzzjoni li tippretendi d-difiza. F' kazijiet ta' din ix-xorta ghandhom jipprevalu l-massimi ***interpretatio fienda est ut res magis valeat quam***

***pereat*** *u* ***benedicta est expositio quando res redimitur a destructione*** (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Russell Bugeja"** [29.2.08] u ohrajn).

Ghalhekk dan l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi respint, salv il-provvediment infraskritt li ser taghmel din il-Qorti fid-decide ta' din is-sentenza.

Ikkonsidrat;

Illi dwar it-tieni aggravju, s-sottomissjoni li dan l-incident gara ghax gie provokat mill-Pulizija, huwa manifestament infondat. Mill-provi tal-Prosekuzzjoni, jirrizulta li l-Pulizija kellhom istruzzjonijiet biex jintercettaw u jarrestaw lill-appellant meta johrog minnghand certu Brian Vella, fil-kors ta' investigazzjoni dwar traffikar ta' drogi. Pero', meta l-appellant induna bil-prezenza tal-Pulizija, huwa mill-ewwel ghamel minn kollox biex jahrab minn fuq l-post billi dahal fil-car tieghu w saq b' mod talment hazin u inkoxjenti li wassal biex habat go karozza privata kif ukoll ma diversi karozzi tal-Pulizija, bir-rizultat li hu kkaguna danni volontarji f' dawn il-vetturi. Illi hu ovvju li d-difiza tal-provokazzjoni ma tapplikax ghat-tip ta' reati li taghhom instab hati l-appellant u li l-appellant jissottometti - kif ghamel fir-rikors tal-appell tieghu - li l-Pulizija f' dan il-kaz ghamlitha ta' *"agent provocateur*" juri li l-appellant ma jafx il-veru sinifikat legali ta' din il-frazi u x' timporta guridikament u legalment. Il-Pulizija ma kienu qed jaghmlu xejn hlief dak li gie ordnat lilhom u cioe' li japprendu w jarrestaw lill-appellant u ladarba dan, biex jevita tali arrest, iddecieda li jahrab minn fuq il-post b' vettura, l-Pulizija ma setghux hlief isegwuh b' vetturi ohrajn u jippruvaw jimblukkawh, kif fil-fatt ghamlu.

L-appellant mhux tali ma waqafx meta induna li kien segwit mill-Pulizija w gie intimat biex jieqaf minn WPS Marisa Bartolo, talli kellimha hazin u bil-manuvri li ghamel, ikkaguna herba shiha f' mhux inqas minn erba karozzi li kienu ccirkondawh u spicca fuq il-bankina. Meta fl-ahhar twaqqaf hu kompla jirrezisti l-arrest. Gew umbaghad elevati xi siringi mil-karozza tal-appellant. Ghalhekk dan

zgur ma kienx kaz ta' xi incident involontarju imma wiehed li sar fil-kontest ta' harba mill-forzi tal-ordni.

Dan kollu jirrizulta mix-xhieda ta' WPS Marisa Bartolo, PC 1183 Oliver Borg, PS 1086 Johan Micallef, PC 573 Paul Camilleri, PC 559 Mangion u PC 232 Mark Zammit,

L-appellant ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti w lanqas ma ta' xi spjegazzjoni fl-istqarrija tieghu (a fols 23 sa 25) ghal dan l-agir tieghu, ghax ghal kull domanda dwar l-incident ghazel li ma jwegibx. Ghalhekk il-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni ma humiex kontradetti jew kontestati minn xi prova kuntrarja w din il-Qorti - bhall-Ewwel Qorti - ma tarax ghaliex m' ghandhiex tistrieh fuqhom.

Il-fatt li l-Pulizija ma arrestawx jew ma lahqux jarrestaw lill-appellant appena hareg minnghand Brian Vella bl-ebda mod ma joffri xi attenwanti ghal gennata li ghamel l-appellant u zgur li ma tammontax ghal agir ta' *agent provocateur* kif jissottometti l-appellant.

Ghalhekk anki t-tieni aggravju tal-appellant qed jigi respint.

Illi dwar l-ahhar aggravju li jikkoncerna l-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella**” [14.6.1999] , “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn.)

Certament li l-piena erogata taqa' entro l-parametri tal-ligi.

Meta wiehed jezamina l-fedina penali aggornata tal-appellant jirrizulta li hu nstab hati mill-Qrati mhux inqas minn sebgha w ghoxrin (27) darba. Hu gie sentenzjat ghall-piena ta' prigunerija erba darbiet u anki kellu xi multi konvertiti fi prigunerija, u dan apparti sentenzi ohra ta' prigunerija sospizi, provvedimenti taht il-Probation of Offenders Act u taht il-Kap.446 u ruxxmata pieni

pekunjarji ohra. Dan mhux l-ewwel kaz fejn l-appellant instab hati ta' sewqan perikoluz u li ma obdiex l-ordnijiet legittmi tal-pulizija w li kien vjolenti. Kellu mbaghad diversi kundanni ghall-pussess ta' droga eroina, frodi, falsifikazzjoni, uzu ta' dokumenti falsifikati, u addirittura li forna w ipprokura d-droga eroina. Inoltre, minn meta hu gie akkuzat fuq l-akkuzi odjerni hu rega instab hati ta' diversi reati serji ohra kommessi minn dik id-data sal-lum.

Illi l-appellant ghamel accenn ghall-fattur tat-trapass taz-zmien li ghadda bejn meta huwa ta l-kunsens tieghu biex jigi gudikat mill-Ewwel Qorti u d-data tas-sentenza. Bhala fatt dal-kunsens kien inghata fl-udjenza tal-24 ta' Gunju, 2005, (fol. 137) wara li l-Avukat Generali kien baghat in-Nota bl-artikoli tal-ligi li taht hom setghet tinstab htija, (fol. 136). Wara din id-data umbaghad saru bosta differimenti inutili, li fihom ma sar assolutament xejn, jew ghax ma jidher hadd, jew ghax il-Qorti tkun okkupata f' xoghol iehor jew indisposta, jew ghax id-difiza tiddikjara li trid xi xhud li ma tkunx harrkitu biex jidher pero' jew ghax l-appellant ma kienx notifikat, jew ghax ma deherux id-difensuri, sakemm fis-seduta tas-27 ta' Gunju, 2007, - sentejn wara - xehed il-psikjatra Dottor Joseph Saliba, (fol. 147). Regghu saru zewg differimenti ohra ghal xejn sakemm saret it-trattazzjoni mill-prosekuzzjoni w d-difiza fl-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2007 (fol. 152). Dak in-nhar il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-18 ta' Frar, 2008, meta fil-fatt giet pronunzjata s-sentenza appellata.

Il-Qorti tosserva li f' dan il-kaz, bhal fil-maggoranza tal-kazijiet li qed tara quddiemha, l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, sija bhala Qorti Istruttorja kif ukoll meta din tikkonverti ruha f' Qorti ta' Gudikatura Kriminali, qed jitmexxew hafna drabi b' laxkezza kbira ghal dak li jirrigwarda appuntamenti, notifiki da parti tal-prosekuzzjoni, attendenza tal-ispetturi prosekuturi, tad-difensuri w tal-imputati, eccetera, b' mod li l-process kriminali, li suppost jitmexxa bl-akbar speditezza, qed jitmexxa b' lentezza li tizboq il-pass tat-tartaruga. Dan m'ghandux ikun u l-Qrati tal-Magistrati, jridu jkunu ferm aktar assidwi filli jaraw li meta kawza tigi differita ghal xi

skop, dak l-iskop jintlahaq f' dak id-differiment fejn hu possibbli.

Pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Nicola Farrugia et"** fuq citat, , il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' kriminali tal-hati (ara . "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Attard"** (24.7.2000) u **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Attard u Angelo Attard"** (24.7.2000) )

Jista' pero ' f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi"** [29.1.2001] ghalkemm f'din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti biex varjat il-piena ma kienux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu ukoll bazati fuq motivazzjoni ohra.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process - specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.

F' dan il-kaz mill-fedina penali tieghu jirrizulta li l-appellant wara l-incident li ta lok ghall-kawza odjerna baqa' ghaddej bil-hajja refrattarja tieghu w sahansitra rega' nstab hati li kiser il-buon ordni fi sptar, li hedded *social worker*, li qal kliem fahxi, ta' sewqan ta' vetturi bla licenzja, w bla polza tas-sigurta' , ta' sewqan b' manjiera perikoluza w, aghar minn hekk, li rega' kellu l-pussess tad-droga eroina f' diversi okkazzjonijiet.

Ghalhekk anki jekk kien hemm xi dewmien indebitu fil-process penali, dan f' dan il-kaz ma ghandu b' ebda mod jagevola lill-appellant fil-fehma ta' din il-Qorti, ghax hu

mhux talli ma zammx lura mill-ksur serju tal-ligijiet tul il-process izda kompla jirranka fl-atti nefarji tieghu.

Illi f'dan il-kaz , din il-Qorti , anki kieku trid, hija prekluza mill-artikolu 28A (7) (b) milli tapplika fil-konfront tal-appellant d-dispozizzjonijiet tas-sentenza sospiza, w dana ghaliex huwa gie misjub hati tal-addebitu tar-recidiva a tenur tal-artikolu 50 tal-Kap.9. Zgur ukoll li mhux kaz tal-applikazzjoni ta' xi provvediment taht il-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, ammenoche' wiehed ma jridx iwaqqa' l-istituzzjoni tal-probation ghaz-zuffjett.

Illi l-fatt li l-appellant ghandu tifla, li del resto tinstab taht "*care order*" u mhux tghix mieghu, ukoll mhux fattur li ghandu jwassal ghall-xi temperament fil-piena f' dan il-kaz. Kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fil-kawza **: "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Tracey Borg"** [15.5.2004], il-Qorti ma tarax li l-fatt li l-appellant jew appellanti taghzel li jkollha t-tfal ghandu jinfluwixxi fuq il-piena, ghaliex *"Kieku kellu jsir hekk, persuna taht process kriminali jew addirittura sentenzjata minn Qorti tal-ewwel grad, tista' facilment tirrikorri ghall-espedjent li jkolllha t-tfal bil-ghan li tinkorri piena inqas harxa. Kullhadd irid jerfa' r-responsabbilta' ghall-azzjonijiet tieghu w d-decizjoni ta' persuna li jkollha jew ma jkollhiex tfal hija decizjoni personali li wiehed irid jizen b'responsabilta' w impenn konsidrati c-cirkostanzi personali tal-persuna koncernata. Jekk xi hadd - forsi wkoll b'mod irresponsabbli - jiddeciedi li jkollu t-tfal meta jkun il-habs,* (jew ikun ghaddej proceduri kriminali - kif kien ghaddej regolarment l-appellant*) hu jrid jerfa' l-konsegwenzi tal-agir tieghu w ma jistax jistenna' li xi Qorti toqghod tqis il-konsegwenzi ghall-prole li ma jkunx qies hu stess."*

Jekk umbaghad hu minnu li l-appellant irmexxielu jegheleb il-vizzju tad-droga dan ser jibbenefiku lilu stess u lil membri tal-familja tieghu w lil hadd aktar u zgur li dan il-fattur ma ghandux jigi pacut jew impartat ma xi immunita' mill-konsegwenzi tas-sanzjonijiet penali, specjalment f' kaz bhal dan fejn l-appellant ilu jikser difrejh mal-ligi regolarment sa mill-1989.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tqis li anki l-aggravju dwar il-piena ghandu jigi respint bhala infondat u konsegwentement ma tara li hemm lok ghall-ebda temperament fil-piena .

Ghaldaqstant din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fl-intier taghha tirrevokaha biss fir-rigward tal-*lapsus computetri* li jidher a fol. 158 tal-process fl-ewwel paragrafu tat-traskrizzjoni tas-sentenza appellata b' dan li minflok id-data erronja "2005" wara l-kliem "9 t' April", tidhol id-data korretta "2002".

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------